# L-imħabba tqaddisna u ddaħħalna fl-eternità

Għadna kemm qed niċċelebraw il-festa ta' San Koronatu Martri. Nafu biss li l-ġisem tiegħu kien midfun ġewwa l-katakombi ta' Ruma u l-fdalijiet tiegħu meta nstabu ngħataw lill-kappillan tan-Nadur Dun Salv Galea fl-1763. Imma ngħid jien, kif indunaw li kien qaddis, jekk ma nafu xejn fuq ħajtu? Jien naħseb li meta sabu l-fdalijiet tiegħu, fehmu li għex ħajja qaddisa minn dak li sabu mal-qabar tiegħu; tinqix (graffiti), tiżjin, dekorazzjonijiet jew oġġetti mqiegħda miegħu. Xi sinjal kien hemm żgur: sinjal li kien maħbub minn dawk li kienu jgħixu miegħu u bkewh; sinjal li bih riedu juru kemm kien għażiż għalihom.

U aħna mhux dan għadna nagħmlu fiċ-ċimiterji tagħna? Fuq l-oqbra tal-għeżież tagħna, nibnu monumenti bl-irħam, innaqqxu ismijiethom, inqiegħdu fjuri, xemgħat u tiżjin biex nuru kemm kienu u għadhom maħbubin! Ma naħsibx li nagħmlu dan għax huma għexu xi ħajja straordinarja f'għajnejn kulħadd, imma għax aħna ħassejna u rajna b'għajnejna stess kemm huma ħabbewna b'mod staordinarju! Din hi l-qdusija: ħajja mgħixha fl-imħabba. U l-imħabba hekk tagħmel: tħalli marka, għal dejjem. Għax kif qal San Pawl: "l-imħabba ma tmut qatt" (1Kor 13,8).




**AVVIŻI:**

**Quddiesa fil-kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata** (Ta' Kenuna) nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru fis-7.00pm, organizzata mill-membri tal-Mużew tas-subien, b'suffraġju tal-benefatturi mejtin. Kulħadd mistieden.

**Coffee Morning fis-Sala Parrokkjali** nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru fit-8.30am, organizzat mill-helpers tal-Youngsters, b'risq il-fuljetti u x-xogħol tal-istampar tal-Museum tas-subien. Kulħadd hu mistieden.

**Quddiesa fil-kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata** (Ta' Kenuna) nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru, organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima. Tluq fid-9.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Wara mmorru nieħdu kafè.

**Ħarġa għal Malta** organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru. Inżuru l-Imdina fejn ikollna dawra bit-trejn u wara nieklu flimkien. Tluq mill-Pjazza fis-7.30am. Aħsbu għall-biljetti u ċemplu lil Tonina fuq 21553041/79923153.

***Milied Solidali*** – il-Kunsill Lokali flimkien ma' Reġjun Għawdex se jerġgħu joffru ikla fil-Milied lil dawk l-anzjani, morda jew persuni vulnerabbli li jgħixu waħedhom jew li m'għandhomx min isajrilhom. Inkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-29 ta' Novembru.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am